Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 39**

**IL-ĦAMIS 29 TA' MEJJU 2014 FIL-5.00PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| DR. JUSTIN FENECH | VICI –SINDKU -5.30PM |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER – 6.10PM |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLIER |

Il-Kunsillier R. Rossignaud kien assenti.

**IS-SINDKU QAL IT-TALBA**

## I APPROVAZZJONI TA' MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru.38 ġew approvati. Il-Kunsillier P.Fenech ippropona u l-Kunsillier A. Curmi issekonda.

Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li l-Kunsillier R. Rossignaud għal darb oħra reġa' ma attendix għal-laqgħa tal-Kunsill. Din hija l-ħames laqgħa konsekuttiva. Huwa staqsa lill-Kunsillieri jekk dawn jiddikjrawx li l-post tiegħu bħala Kunsillier jiġi vakanti. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jagħmel kuntatt miegħu bil-kitba u jistaqsi l-pożizzjoni tiegħu. Dan il-Kunsillier għandu jagħti risposta qabel is-Seduta li jmiss.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

Ħadd minn dawk preżenti ma kellhom kummenti.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku ppreżenta rapport idettaljat dwar il-ħidma tiegħu li jinkludi wkoll diversi lagħat li huwa kellu mill-aħħar tas-Seduta. Dan ir-rapport se jkun aness ma' dawn il-Minuti bħala App. A.

2. Huwa rrefera għax-xogħlijiet li saru riċentament fi Ġnien FX Ebejer fi Triq is-Swieqi fuq l-*outdoor gym.* Is-Sindku ssuġerixxa sabiex mill-fondi tal-Kunsill, il-kuntrattur jitħallas €8,000.00 bħala part payment sakemm il-Kunsill jirċievi l-fondi allokati mill-Kunsill Malti għall-Isports. Wara diskuzzjoni, kien hemm qbil unanimu dwar dan. Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier C. Said issekondat.

3. Is-Sindku nforma rigward korrispondenza mit-TM li tobbliga l-Kunsill sabiex Triq il-Miġbed terġa' tiġi kif kienet oriġinaljament jiġifiri one-way l'isfel, f'każ li l-Kunsill ma jaqbilx ma' din id-deċiżjoni allura għandha ssir konsultazzjoni mar-residenti. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li s-Sindku jiddiskuti mad-Direttur jekk hux possibli li l-ewwel ssir il-konsultazzjoni sabiex jiġi stabbilit il-fehma tar-residenti qabel ma jsir tibdil.

4. Huwa nforma li iltaqa' mal-Perit Papagiorcopulo dwar it-tibdil li għandu jsir fis-sala ta' taħt il-Knisja Parrokjali ta' l-Ibraġ biex tibda' titella' l-attivita ta' - Active Aging. Is-Sindku staqsa lill-Perit għall-stima ta' xogħlijiet. Hu nforma lill-Perit sabiex din l-istima tiġi ppreżentata mill-aktar fis.

**HUGH ZAMMIT** — **SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT** — **SINDKU**

## II RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

Mill-Viċi Sindku

1. Il-Viċi Sindku staqsa sabiex jekk hu possibli tiġi iffissata data mill-aktar fis meta l-Kunsill jista' jiltaqa' ma' ufficċċjali tal-Pulizija sabiex flimkien jiddiskutu l-possibilta' li tiġi organizzata Laqgħa Pubblika mar-residenti. Is- Segretarju Eżekettiv ħa l-inkairgu li jiffissa dan l-appuntament.

2. Huwa ssuġerixxa sabiex issir laqgħa ma' l-uffiċċjali tal-Green MT. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jiffissa dan l-appuntament u jinforma lil kulħadd permezz ta' email.

3. Rigward it-trinka li tħaffret fi Triq il-Kwarta, il-Viċi Sindku nforma li t-Tranport Malta tat deadline lill-kuntrattur li jekk ma jlestix ix-xogħol kollu b' mod professjonali se jibda' jirċievi l-multi. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li hu kellu kuntatti mal-Kuntrattur fejn ġie mwiegħed li dawn ix-xogħlijiet ta' reinstatement se jsiru bejn l-Erbgħa 28 u l-Ħamis 29 ta' Mejju 2014.

4. Huwa nforma wkoll li bħalissa għadu qed jaħdem fuq id-dokument tat-tender tal-ġbir ta' skart domestiku u li hekk kif jkun lest, dan se jiġi ċċirkulat permezz ta' email sabiex kulħadd ikollu l-opportunita' li jirrevedi kif jixtieq.

5. B'referenza għall-Memo 12/2014 dwar il-korsijiet ta' Lifelong Learning, il-Viċi Sindku nforma li hu ħa l-inkairgu sabiex jiġu organizzati dawn il-korsijiet peress li s-sena li għaddiet kien hemm rispons pożittiv. Huwa nforma li dawn il-korsijiet se jerġgħu jsiru fejn saru s-sena l-oħra jiġifieri fil-bini parrokjali pero' hemm bżonn li dawn il-klassijiet jiġu rranġati sabiex jkunu aktar komdi għall-għalliema u għall-istudenti.

**II RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI**

Mill-Kunsillier M. Abela

1. Il-Kunsillier infurmat li fi Triq tas-Stronka qed jiġi rreklamat li f' xi residenza privata, is-Sur U. Chetcuti qed jorganizza *private parties.* B' konsegwenza t'hekk, ir-residenti qed isoffru nkonvejenza kbira minħabba l-istobju eċċessiv. Is- Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jinforma l-Għassa tan-Naxxar.

2. Hi rrapurtat ukoll li qed issir *dumping* ġo għalqa fin-naħa ta' fuq Triq Markiż J. Scicluna. Hija staqsiet ilpossibilta' li dan dumping jiġi miġbur u jinbena ċint fid-daħla ta' l-għalqa b'hekk jingħalaq l-aċċess għal din iż-żona.

3. Il-Kunsillier staqsiet ukoll l-possibilta' li terġa ssir *traffic calmer* fi Triq il-Qasam eżatt malli titla' mill-wied. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li hu diġa' nforma lill-kuntrattur responsabbli b' dawn ix-xogħlijiet.

4. Hija nfurmat li ġie ffirmat il-kuntratt bejn il-Kunsill Lokali u l-WSC rigward ir-resurfacing tat-Triq l-Inġinier. Il-WSC infurmaw li dawn ix-xogħlijiet ser jibdew malli jiġu approvati l-permessi.

5. Hija staqsiet jekk sarux xi kuntatti ma' Schembri Infrasructures dwar ix-xogħlijiet ta' kisi bit-tarmak tat-toroq pendenti. Il-Viċi Sindku nforma li dawn ix-xogħlijiet jiġu diskussi malli jitwaqqaf l-Kumitat Amministrattiv il-ġdid.

Mill-Kunsillier C. Said

1. Il-Kunsillier irrapurtat li l-bring-in-sites ta' Ċentru Ċiviku qed jkunu dejjem mfawwrin u b' konsegwenza t'hekk qed jagħtu dehra kerha lill-ambjent tal-madwar. Hi ġiet infurmatata li dwar din il-materja ser ssir laqgħa mal-kuntrattur nhar it-Tlieta 3 ta' Ġunju 2014.

2. Hija rrapurtat li kellha lmenti minn xi residenti li ċ-ċint il-ġdid li nbena fi Triq it-Tiben ser jilqa' l-ilma tax-xita b' konsegwenza li dan jispicca fir-residenzi privati.

Mill-Kunsillier P. Fenech

1. Il-Kunsillier ġibed l-attenzjoni li għandna noqogħdu ferm attenti li l-awtonomija tal-Kunsill għandha tiġi rrispetata u ma nħallu lil ħadd li jwaqqa jew jibdel id-deċiżjonijiet li jkun ittieħdu waqt Seduti tal-Kunsill mingħajr ma jkun hemm raġuni aċċettabli.

**HUGH ZAMMIT** — **SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT** — **SINDKU**

## II RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

Mill-Kunsillier A. Curmi

1. Il-Kunsillier ppreżenta rapport idettaljat li se jkun aness ma' dawn il-Minuti bħala App. B.

2. Huwa staqsa sabiex jsiru kuntatti mal-GO plc b'possibilta' ta' sistema mit-telefon stess tkun tista' ċċempel fuq *mobile phones* b' rata mnaqqsa ferm.

3. Il-Kunsillier staqsa sabiex jinxtraw ir-Reġistri Eletorali riċenti biex jitqassmu lil kull kunsillier. Is- Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkairgu li jixtri dawn id-dokumenti.

Mill-Kunsillier A. Chetcuti

1. Il-Kunsillier informa li kellu kuntatt mal-kumpanija GreenMT dwar it-tindif u t-tbattil ta' l-iskips fi Triq il-Keffa. Wara diskuzzjoni ġie deċiż li din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa li pjanata li ssir nhar it-Tlieta 3 ta' Gunju 2014.

2. Huwa staqsa sabiex issir laqgħa mal-Kumpanija Alberta rigward il-cameras li suppost qed jopera mill-bini l-ġdid ta' Ċentru Ċiviku. Is- Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkairgu li jifissa dan l-appuntament.

3. Il-Kunsillier issuġerixxa biex jitqassam leaflet li kull resident b' informazzjoni ta' fejn jinsabu allokati eżatt il-bring-in-site u doggy bins fil-lokalita' sabiex kulħadd jkun infurmat fejn qegħdin eżatt. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

4. Hu staqsa l-possibilta' li jiġu allokati ash-trays qabel il-bibien tal-ħwienet. Dwar dan huwa għandu jagħmel kuntatti mal-Ministeri.

5. Huwa nforma li bgħat ittra lill-Onor. Minsitru L. Brincat sabiex jistaqsih għall-possibilta' ta' donazzjoni ta' 20 siġra sabiex jiġu miżrugħa madwar il-lokalita'.

## III APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEĦOR

1. Ġiet ippreżentata l-iskeda tal-pagamenti nru.74 li ntbagħtet minn qabel lil kull Kunsillier permezz ta' email. Wara li saru xi aġġustamenti mitluba skond l-email tal-Kunsillier A. Curmi ( App.C), kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti biex dawn il-pagamenti jiġu approvati peress li ħadd minn dawk preżenti ma oġezzjona.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

## IV KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Is-Segretraju Eżekuttiv ppreżenta ittra minngħand resident minn Triq Paddy Stubs. Dan ir-resident qed jistaqsi sabiex titnaqqas parking bay minn quddiem il-garaxx tiegħu minħabba li din tkun qed tkun ta' tfixkil sabiex hu jkollu aċċess għall-istess garaxx. L-istess resident irrakomonda li ssir sistema ta' one-way fiż-żona, il-Kunsill qabel mar-rekomondazzjoni tal-one way. Din se tiġi diskussa fl-ewwel laqgħa li se ssir ma' l-uffiċċjali tat-Transport Malta pero' rigward il-parking bay, il-Kunsill ser jieħu parir minngħand l-istess uffiċċjal tat-TM.

2. Il-Kunsill ġie nfurmat li ser tiġu ppublikata s-sejħa ta' l-offerti għall-proviżjoni u twaħħil ta' l-air conditioners (invertors) fil-bini ta' Ċentru Ċiviku.

3. Huwa nforma dwar il-kuntratt ta' manutenzzjoni ta' dawl fit-toroq u nforma li l-Kumitat tar-Regjun bgħat draft tat-tender lill-Kunsill u din ġiet iċċirkulata għal kummeti ta' kull kunsillier. Wara diskuzzjoni twila dwar din il-materja, il-Kunsill ideċieda unanimament li ma jinqagħadx ma' dan ir-Reġjun iżda tiġi ppublikata offerta' għal dan il-Kunsill biss. Is- Sindku ppropona u l-Kunsillier C. Said issekondat.

4. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li wara li s-Segretarju Eżekuttiv ikkomunika mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar in-nuqqas ta' attendenza tal-Kunsillier R.Rossignaud, huwa ġie nfurmat li għandu jimxi eżatt hekk kif stipulat fil-liġi tal-Kunsilli Lokali. Ghaldaqstant wara diskuzzjoni, ġie deċiż li uffiċjalment għandha tintbagħat ittra lil Kunsillier ikkonċernat sabiex jiġi infurmat.

Din il-laqgħa spiċċat fit-8.00pm u sar aġġornament
għal nhar il-Ħamis 26 ta' Ġunju 2014 fil-5pm.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**